# Il-Festa tat-Trinità - 1913

**Kitba ta' Charles Attard P.R.O.**



MEJJU (31 giurnata)

Ix-Xahar tal Madonna.

1 Hamis Gesu' Cristu tala is-Sema—*Lapsi*
2 Gimgha S.S. Flippu u Giacbu apostli martri
3 Sibt Meta insab is-Salib Mkaddes
4 Hadd VI uara il Ghid—Santa Monica omm S. Uistin
5 Tnein San Angelu martri
Ix-xemx titla fil 5 u 11 il m. u tinzel fis-6 u 49 m.
Kamar Gdid fit 8 u 13 m. filghaxia—Bir rieh kauui jighamel dal kamar ghax Eolo irid ech Ix-Xemx timmarca xi disgrazia. Xin hi?... Min jithac u min jibchi
6 Tlieta Martiriu ta San Guann ap. u evangelista
7 Erbgha San Stanislau iskof
8 Hamis Id-dehra ta S. Michiel Arc.—*(Il Madonna ta Pompei)*
9 Gimgha San Ghirgor Nazianzenu iskof
10 Sibt San Anton arciskof ta Firenze *(vgili latticini)*
11 Hadd Ghid il Hamsin—*Pentecoste*
12 Tnein ta Ghid il Hamsin
13 Tlieta ta Ghid il Hamsin
Leuuel Quart fil 5 u 20 m. filghodu—Temp sabieh però rieh ma jonkox, Giove u Urano xi bnadi igibu biza cbir.
14 Erbgha San Bonifaciu martiri
15 Hamis Consacraz tal Matrici ta San Paul tal Belt *(4 temp latticini)*
Ix-xemx titla fil 5 u 2 m. u tinzel fis-6 u 58 m.
16 Gimgha San Giuann Nepomucenu *(4 temp latticini)*
17 Sibt San Pascal Baylon confessur *(4 temp latticini)*
18 Hadd I uara Ghid il Hamsin—SSma Trinità
19 Tnein S. Pietru Celestinu p. *(Festa ta S. Filippu tit. ta*
20 Tlieta San Bernardinu min Siena confessur *[Haz-Zebbug)*
Kamar Quinta fis 2 u 36 m. filghaxia—Il bnazzi icompli bxi ftit tac-cpar. Istama fatt li ighaggeb lil cullhatt.
21 Erbgha San Felic min Centalice
22 Hamis Santu Corp *(Corpus Domini)*
23 Gimgha San Xmun Stoch carmelitan
24 Sibt Maria Vergni Ghainuna tal Insara
25 Hadd II bein l'ottava ta Santu Corp
Ix-xemx titla fl'4 u 55 m. u tinzel fis-7 u 5 m.
26 Tnein San Filippu Neri apostlu ta Ruma
27 Tlieta Santa Maria Madalena de Pazzi
Lahhar Quart fil 16 u 43 m. filghaxia—Temp mil Pisbah, xi bnadi isir xi tempural. Min joghla uisk jehu sabta cbira.
28 Erbgha Santu Uistin iskof ta Canterbury
29 Hamis San Felic papa martri
30 Gimgha Kalb Mkaddsa ta Gesù *(Festa u process S. Paul tal*
31 Sibt Santa Angela Merici *[Belt)*

Carta ghat-tkartis u ghal chitba min cull qualità tinsab ghal beih ghand G. Muscat 48 Str. Mercanti il Belt, Kuddiem il posta il kadima.

Qrajna u smajna li l-ewwel festa tat-Trinità meta l-Marsa ħarġet parroċċa fil-1913 kienet ġiet iċċelebrata modestament nhar it-8 ta' Mejju.

Dan ma jistax ikun għax it-Trinità tista' taħbat fit-tielet, ir-raba' jew il-ħames Ħadd ta' Mejju jew fl-ewwel tlett t'iħdud ta' Ġunju.

Bħalma nafu, it-Trinità tiġi eżatt 56 ġurnata fuq l-Għid il-Kbir, u l-Għid jista' jvarja 35 ġurnata bejn it-22 ta' Marzu u l-25 ta' April. Ħadd ta' wara l-qamar mimli li jkun nhar jew wara il-21 ta' Marzu ta' kull sena. Dejjem skond il-Konċilju ta' Nicaea li kien sar fis-sena 325 (*).

Jiġifieri, l-iktar kmieni li tista' tiġi t-Trinità huwa fis-17 ta' Mejju u l-iktar tard fil-20 ta' Ġunju. Fil-fatt sentejn oħra, fis-sena 2008, il-festa ser taħbat fit-18 ta' Mejju li hija waħda mill-aktar dati kmieni li tista' tiġi l-festa.

Issa ħarsa lejn id-dati tal-Ħdud ta' Mejju u Ġunju 1913 juruna, li t-8 ta' Mejju 1913 ma kienx il-Ħadd, imma kien il-Ħamis. Li ġara kien li l-festa ħabtet fit-18 ta' Mejju li kien il-Ħadd imma xi ħadd kiteb 8 flok 18. It-8 ta' Ġunju kien il-Ħadd ukoll fl-1913.

Fil-fatt issa nafu biċ-ċert li l-festa tas-Santissima Trinità fis-sena 1913 kienet propju fit-18 ta' Mejju u dan ġie konfermat mill-Pronostku ta' dik is-sena. (**).

Dak in-nhar ġiet iċċelebrata l-ewwel festa fil-Marsa fl-1913, fil-knisja l-ġdida li kien għadu kif bena minn butu il-Kav. Lorenzo Balbi u li l-mara twajba tiegħu, is-Sinjura Carmela neè Ozzini, għażlet b'devozzjoni sinċiera u qaddisa li tkun dedikata lis-Santissima Trinità.

*Referenza:*
*(*) "Il-Kalendarju ta' 500 sena - Frans A. Attard.*
*(**) Ara kopja ta' l-oriġinal*